**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 536/16 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fit-22 ta' Novembru tas-sena 1986 (**Dokument MV1**) u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfla Sabrina, Daniel u Mark illi llum huma lkoll maggorenni.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Marilena Cristina fit-23 ta' Awwissu 2007 (**Dokument MV2**).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta‘ separazzjoni, il-konjugi B kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*¸ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment (Artikolu 3 tal-istess kuntratt), illi qieghed jigi mhallas mir-rikorrent lill-imsemmija martu.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni, m‘ huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

A tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta‘ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Jannar, 2017;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb, fuq domanda tal-Qorti, li ma kellha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Awissu 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.